**PRIM' AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**ONOR. IMĦALLEF MARK SIMIANA, LL.D**

*Rikors Maħluf Numru 1043/2017 MS*

**Ganado Trustees & Fiduciaries Limited bħala Trustee ta' JMG Trust u Angela armla mill-Professur Joseph Maximilian Ganado għal kull interess li jista' jkollha**

**Vs.**

**Joseph u Anna konjuġi Galea**

Illum, 4 ta' Marzu, 2024

Kawża Numru:2

Il-Qorti,

1. Rat ir-rikors maħluf imressaq mill-atturi fl-14 ta' Novembru 2017, li permezz tiegħu, wara li ppremettew kif ġej:

   (1) Illi l-attur huwa proprjetarju ta' zewg porzjonijiet divizi ta' art li qeghdin f'Birkirkara faccata t-tnejn li huma fuq Triq Dun Karm maghrufa bhala Ta' Sqaq Hniezaq u/jew tal-Qattus li qeghdin ilkoll fi *green area* u cioe :

(A) Porzjoni diviza ta' art bil-benefikati li hemm fuqha tal-kejl superficjali ta' cirka 350 metri kwadri kif indikata ahjar fis-*site plan* annessa, Dokument P, immarkata bl-ahdar; u

(B) Porzjoni diviza ta' art tal-kejl superficjali ta' cirka 605 metri kwadri kif indikata fis-*site plan* hawn annessa, Dokument P, immarkata bl-ahmar fl-istess *site plan*.

(2) Illi din l-art proprjeta' ta' Ganado Trustees and Fiduciaries Limited C-7880 bhala Trustee ta' JMG Trust hija soggetta ghall-uzufrutt tal-attrici Angela Ganado nee Cassar Torreggiani li flimkien bhala vendituri ddecidew li jbieghuha u dahlu fuq konvenju datat 18ta' Awissu 2017 ma' Carmelo u Emanuela Borg skond Dokument N u N1.

(3) Illi originarjament, l-art kienet bicca wahda pero' f'xi zmien, ghaddiet il-bypass ossija Triq Dun Karm , Birkirkara li qasmet l-ghalqa in kwistjoni f'zewg porzjonijiet. L-ghalqa kienet imsejha Ta' Sqaq Hniezaq u/jew tal-Qattus limiti ta' Birkirkara u kellha kejl komplessiv ta' cirka 2T 5M li bil-bypass ta' Birkirkara u z-zewg porzjonijiet art fuq indikati ghandhom il-kejl hawn fuq indikat.

*(4)* Illi l-art in kwistjoni kienet proprjeta' tal-mejjet Professur Joseph Maximillian Ganado li meta saret l-esproprjazzjoni kien applika mal-Kummissarju tal-Artijiet biex jircievi l-kumpens tal-esproprju tal-art tieghu li kienet giet esproprjata, liema kumpens ghadu ma thallasx minkejja li harget id-dikjarazzjoni Presidenzjali apposita skond Gazzetta tal-Gvern tal-151 tas-17 ta' Marzu 1989 u n-*Notice to Treat* li kopja taghha qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala dokument A .

(5) Illi l-file relattiv mal-Lands Department biex ihallsu l-kumpens dovut lill-eredita' tal-Professur Joseph Maximillian Ganado ggib in-numru LD 79B/88 – File 514/76.

(6) Illi l-Professur Joseph Maximillian Ganado miet fit-2 ta' Mejju 2016 skond certifikat tal-mewt hawn anness u mmarkat bhala Dokument B u il-wirt ddevolva skond testment sigriet li kien gie pprezentat mid-decujus fl-10 ta' Ottubru 2012 taht l-awtorita' tas-Sekond Awla tal-Qorti Civili. Illi b'digriet tal-15 ta' Lulju 2016 ordnat l-apertura u l-pubblikazzjoni tal-imsemmi testament sigriet.

(7) Illi fis-26 ta' Lulju 2016 fl-atti tan-Nutar Pierre Attard li kopja tieghu qed jigi hawn anness u mmarkat bhala Dokument C gie pubblikat it-testment tal-Professur Joseph

Maximillian Ganado minn fejn jirrizulta illi l-eredita' tal-Professur Joseph Maximillian Ganado ddevolviet lill-atturi Ganado Trustees and Fiduciaries Limited (C-7880) bhala Trustee ta' JMG Trust kif soggett ghall-uzufrutt ta' Angela Ganado nee Cassar Torreggiani.

(8) Illi dan kien l-ahhar testament tal-Professur Joseph Maximillian Ganado skond Dokumenti C u D.

(9) Illi l-Professur Joseph Maximillian Ganado kien akkwista l-proprjeta' bhala werriet universali mill-eredita' tal-mejta Mary Josephine armla minn Giovanni Bugeja li mietet fil-15 ta' Awissu 1969 skond certifikat tal-mewt Dokument E u dan skond l-ahhar testment taghha modifikattiv tat-2 ta' Lulju 1951 fl-atti tan-Nutar Dottor Robert Girard li kopja tieghu qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala dokument F u ssir riferenza ghal pagna 192, r-raba artikolu fejn innominat eredi taghha lil Professur Joseph Maximillian Ganado.

(10) Illi qed jigi ezebit ukoll it-testment principali tal-mejta Mary Josephine Bugeja fl-atti tan-Nutar Dottor Robert Girard tat-12 ta' Gunju 1950 hawn anness u mmarkat bhala Dokument G, fejn fl-ewwel artikolu tieghu it-testatrici hassret u rrevokat it-testmenti kollha precedenti taghha, u dan skond certifikati ta' testmenti hawn annessi u mmarkati bhala Dokumenti H u I.

(11) Illi Mary Josephine Bugeja akkwistat il-proprjeta in kwistjoni fost affarjiet ohra b'titolu ta' donazzjoni minn missierha Paolo Sammut b'dota in kontemplazzjoni taz-zwieg taghha ma' Giovanni Bugeja u dan skond kuntratt tat-13 ta' Frar 1905 fl-atti tan-Nutar Dottor Giovanni Chappelle, li qed jigi hawn anness u mmarkat bhala Dokument J. Issir referenza ghal pagna 152 paragrafu J tal-istess dokument.

(12) Illi l-wirt ta' Mary Josephine Bugeja gie debitament denunzjat lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni skond denunzja numru 1059/1972, li kopja taghha hija hawn annessa u mmarkata bhala Dokument K.

(13) Illi wara li mietet Mary Josephine Bugeja, il-Professur Joseph Maximillian Ganado kompla jigbor il-qbiela tar-raba in kwisjtoni skond ktieb tar-raba li huwa fil-pussess tal-gabillotti Sammut li kienu jhallsu l-qbiela lill-istess Professur u li kopji taghhom qed jigu hawn annessi u mmarkati bhala dokumenti L1 sa L8.

(14) Illi din il-proprjeta' fuq deskritta dejjem kienet proprjeta' tal-atturi u qabilhom tal-Professur Joseph Maximillian Ganado, u qabel dan ta' Mary Josephine Bugeja, u qatt tal-intimati Joseph Galea (KI 131846M) u lanqas ta' ohtu Angela Aquilina (KI 802247M) li kienet bieghitilhom n-nofs indiviz mill-istess art u dan skond kuntratt tas-17 ta' Novembru 2008 fl-atti tan-Nutar Dottor John Spiteri li kopja tieghu qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dokument M.

(15) Illi l-intimati huma ipparentati mal-gabillotti li kienu jahdmu l-ghalqa in kwistjoni ossija Helen Sammut u familjari taghha.

(16) Illi b'mod abbuziv u illegali din il-proprjeta giet registrata mill-intimati mar-Registratur tal-Artijiet u ggib in-numru 5300/1672 u dan b'abbuz u b'lezjoni tad-drittijiet proprjetarji tal-atturi stante illi huma qatt ma kienu proprjetarji tal-istess u qatt ma hallsu qbiela u/jew kumpens iehor lil xi hadd tal-ghalqa in kwistjoni u li l-atturi dejjem kienu fil-pussess taghha u dejjem ikkunsidrawha bhala taghhom u li dejjem kienet mahduma minn nies minnhom imqabbda.

(17) Illi l-pussess tal-atturi huwa ahjar mill-pussess tal-intimati stante li huma ghandhom titolu li jirrisali ghat-13 ta' Frar 1905 fl-atti tan-Nutar Giovanni Chappelle.

(18) Illi hadd qatt ma ddisturbahom fil-pussess tat-titolu taghhom hlief meta recentement wara li ffirmaw il-konvenju tat-18 ta' Awwissu 2017 bejnhom u bejn il-konjugi Carmelo u Emanuela Borg, liema kopja tal-konvenju qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dokument N, n-Nutar mqabbad mill-istess xerrejja biex jaghmel ir-ricerka appozita fir-Registru tal-Artijiet irrizultalhom r-registrazzjoni ta' din l-art fuq l-intimati.

(19) Illi l-intimati qatt ma kienu fil-pussess ta' din l-art illi huma jippretendu illi hija proprjeta taghhom.

(20) Illi jinhtieg illi jigi dikjarat u deciz illi l-proprjeta in kwistjoni hija proprjeta assoluta tal-atturi u mhux tal-intimati stante illi t-titolu tal-atturi huwa ahjar minn dak tal-intimati.

(21) Illi b'ittra ufficjali tat-2 ta' Ottubru 2017 li kopja taghha qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dokument O, ir-rikorrenti talbu lill-intimati jersqu ghar-rescizzjoni tal-bejgh fazull bil-kuntratt tas-17 ta' Novembru 2008 fl-atti tan-Nutar Dottor John Spiteri, kif ukoll biex ihassru r-

registrazzjoni tal-istess art mar-Registratur tal-Artijiet pero' baqghu inadempjenti u konsegwentement kellha ssir din il-kawza

għaddew biex jitolbu lil din il-qorti (i) tiddikjara u tiddeċiedi illi l-atturi huma proprjetarji tal-għalqa ta' ċirka żewġt itmiem u nofs raba' magħrufa bħala Ta' Sqaq Ħnieżaq u/jew Tal-Qattus fil-limiti ta' Birkirkara li tikkomprendi l-parti stradali u ż-żewġ porzjonijiet diviżi ta' art li qiegħdin f'Birkirkara faċċata t-tnejn li huma fuq Triq Dun Karm magħrufa bħala Ta' Sqaq Ħnieżaq u drabi oħra Tal-Qattus limiti ta' Birkirkara u ċjoè porzjoni diviża ta' art tal-kejl superfiċjali ta' ċirka 350 metri kwadri kif indikata fis-siteplan anness mal-istess rikors maħluf u mmarkat 'Dokument P' u mmarkata bl-ittra 'X' u bl-aħmar; u porzjoni diviża ta' art tal-kejl superfiċjali ta' ċirka 605 metri kwadri kif indikata fis-siteplan annessa mal-istess rikors maħluf, u mmarkata bl-ittra 'Y' u bl-aħmar fuq l-istess siteplan, kif ukoll (ii) tiddikjara u tiddeċiedi li l-pussess tal-għalqa in kwistjoni tal-atturi huwa aħjar minn dak tal-konvenuti, bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-ittra uffiċċjali tat-2 t'Ottubru 2017.

2. Rat ir-risposta maħlufa preżentata mill-konvenuti fit-22 ta' Diċembru 2017[1], li biha huma eċċepew (i) illi t-talbiet attriċi fil-konfront tal-eċċipjenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra s-soċjetà attriċi stante li l-eċċipjenti u l-predeċessuri tagħhom ilhom għal iżjed minn ħamsin sena jippossjedu b'titolu validu skont il-liġi l-art *de quo* u tul dawn is-snin ta' kull sena sar ħlas ta' qbiela mill-bdiewa li kkoltivaw l-istess art minn żmien għal żmien; (ii) illi la s-soċjetà attriċi u lanqas l-awturi tagħha ma qatt kellhom il-pussess tal-art in kwistjoni; (iii) illi tul dawn is-snin kollha ħadd mill-awturi tas-soċjetà attriċi ma qatt ipprotesta kontra dan il-pussess tal-eċċipjenti u l-predeċessuri tagħhom, għajr għas-soċjetà attriċi dawn l-aħħar xhur; (iv) illi l-art *de quo* hija debitament reġistrata f'isem l-eċċipjenti fir-Reġistru tal-Artijiet kif jirriżulta konfermat mid-dokument anness mar-risposta maħlufa u mmarkat Dok X.

3. Rat ix-xiehda traskritta kif ukoll id-dokumenti kollha eżebiti, u l-atti proċesswali kollha.

[1] A folio 99.

4. Rat in-noti ta’ sottomissjonijiet tal-kontendenti.

5. Rat li l-kawża tħalliet għal-lum għall-prolazzjoni tas-sentenza.

Ikkunsidrat:

6. Illi din hija azzjoni petitorja li tirrigwarda t-titolu ta’ proprjetà u l-pussess ta’ biċċtejn art f’Birkirkara, murija bl-ittri ‘X’ u ‘Y’ fuq il-pjanta eżebita a folio 94. Jidher li fil-mori tal-kawża l-parti t’isfel tal-art, u ċjoè dik immarkata bl-ittra ‘X’ fuq il-pjanta li tinsab inserita a folio 94, inbiegħet mill-atturi, għalkemm ma ġie eżebit ebda kuntratt[2]. Il-kontestazzjoni tal-partijiet essenzjalment ġiet dejjem iffukata fuq il-porzjoni t’art immarkata bl-ittra ‘Y’, u konsegwentement din is-sentenza se tingħata dwar dik l-istess porzjon t’art.

7. Illi l-atturi jsostnu illi t-titolu ta’ *nuda proprietà* fuq dawn il-biċċtejn art jappartjeni lill-kumpanija attriċi, filwaqt li l-użufrutt tal-istess proprjetà tappartjeni lill-attriċi, Angela Ganado. Huma jgħidu li dawn iż-żewġ porzjonijiet t’art kienu oriġinarjament jifformaw parti minn art akbar, u ċjoè art tal-kejl ta’ żewġ tomniet u ħames kejliet, li kienet oriġinarjament inkisbet minn Marie Josephine Sammut, li eventwalment iżżewwġet lil Joseph Bugeja, permezz ta’ kuntratt riċevut fit-13 ta’ Frar 1905 min-Nutar Giovanni Chapelle[3], mingħand missierha Paolo Sammut b’titolu ta’ dota. F’dan il-kuntratt, jsostnu l-atturi, l-art in kwistjoni kienet deskritta hekk:

> Clausura appellata Ta Skak Kniezah in Birchircara; contrada Ta Ghar il Giobon, della capacità di tummoli due misure cinque, con una camera, confinata da ponente con vicolo detto Skak l’Andar, levante vicolo, mezzodi beni di Giorgio Ciantar

8. Marie Josephine Bugeja mietet armla fil-15 t’Awwissu 1969[4]. Mir-riċerki testamentarji tagħha[5], jirriżulta li s-suċċessjoni tagħha tinsab regolata minn żewġ testmenti pubbliċi, kif sejjer jingħad. Permezz ta’ testment pubbliku magħmul fl-atti tan-Nutar Robert

[2] Ara x-xiehda ta’ Franco Buttigieg a folio 243 u tal-Avukat Maximillian Ganado a folio 532.
[3] Kopja eżebita a folio 53.
[4] Ara l-estratt tal-mewt tagħha, eżebit a folio 33.
[5] Eżebiti a folio 43 u 44.

Girard fit-2 ta' Lulju 1951[6], Marie Josephine Bugeja, flimkien ma' żewġha Joseph Bugeja, żiedu mat-testment preċedenti tagħhom tat-12 ta' Ġunju 1950 fl-atti tal-istess Nutar Pubbliku, billi fost dispożizzjonijiet oħrajn, it-testatriċi Marie Josephine Bugeja weħidha nnominat bħala eredi universali tagħha u padrun assolut lill-Avukat Dr Joseph Max Ganado, bis-sostituzzjoni favur ħutu fil-każ ta' premorjenza. Għall-kompletezza, jingħad ukoll li bit-testment tat-12 ta' Ġunju 1950[7], it-testaturi konjuġi Bugeja kienu ħassru għal kollox kull testment ieħor preċedenti tagħhom. In-nomina tal-eredi magħmula permezz tal-ħdax-il artikolu tat-testment tat-12 ta' Ġunju 1950 kienet imħassra għal kollox b'mod espress bir-raba' artikolu tat-testment tat-2 ta' Lulju 1951, li bih ukoll ġie minflok nominat bħala eredi Dr Joseph Max Ganado, kif ġjà ingħad.

9. Wara l-mewt ta' Marie Josephine Bugeja, il-Professur Ganado kien iddenunzja l-art fuq imsemmija permezz tad-denunzja numru 1059/1972[8], fejn ġiet deskritta hekk[9]:

> Field ta' Sqaq Hniezak in the limits of B'Kara let at £2.2.0. p.a. of the approx. area of 2T consisting of one habel and another portion divided with stones bordering on the East with alley on the South with property of the Ciantar family and on the West with road Ta' Sqaq il-Gobon

10. Il-Professur Joseph M. Ganado miet fit-2 ta' Mejju 2016[10], u s-suċċessjoni tiegħu jidher li kienet regolata minn testment sigriet li huwa ippreżenta personalment fir-Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja) fl-10 t'Ottubru 2012[11]. Dan it-testment sigriet ġie eventwalment ippubblikat wara d-debita awtorizzazzjoni tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja) b'att pubbliku riċevut min-Nutar Pierre Attard fis-26 ta' Lulju 2016[12], mnejn jirriżulta li t-testatur kien irrevoka kull testment ieħor preċedenti tiegħu[13]. Fost laxxiti oħrajn, it-testatur kien ħalla favur martu l-attriċi l-użufrutt fuq l-universalità tal-patrimonju tiegħu, salv fejn l-istess użufrutt ġie espressament eskluż, u dan mingħajr l-obbligu tal-formazzjoni tal-inventarju u tal-

[6] Kopja eżebita a folio 34.
[7] Kopja eżebita a folio 37.
[8] Kopja eżebita a folio 58.
[9] Ara folio 62.
[10] Ara l-estratt tal-att tal-mewt tiegħu, eżebit a folio 8.
[11] Ara ċ-ċertifikat maħruġ mir-Reġistru msemmi a folio 23.
[12] Eżebit a folio 9.
[13] Skont ir-riċerka testamentarja eżebita a folio 24, it-testatur kien għamel seba' testmenti pubbliċi, bl-aħħar wieħed ikun imwettaq fil-11 t'April 1995 fl-atti tan-Nutar Gerard Spiteri Maempel, u għalhekk dawn it-testmenti ġew ilkoll revokati bit-testment sigriet preċitat.

prestazzjoni tal-kawzjoni[14]. Ħalla wkoll lill-kumpanija attriċi, fil-vesti tagħha ta' *trustee* ta' The JMG Trust, u fost ħwejjeġ oħra, il-proprjetajiet kollha derivanti mill-patrimonju ta' Marie Josephine Bugeja, ad eċċezzjoni tal-art magħrufa bħala "Ta' San Eliju" f'Għajnsielem f'Għawdex li tħalliet lill-iben it-testatur[15]. L-atturi ġew immessi fil-pussess tal-legati mħollija lilhom permezz ta' att pubbliku riċevut min-Nutar Nicholas Vella fl-10 ta' Jannar 2018[16], f'liema att il-proprjetà in kwistjoni ġiet deskritta kif ġej:

> a) a divided portion of land having a frontage on Triq Dun Karm, in Birkirkara at times also referred to as being in San Gwann, having a superficial area of approximately six hundred and five square metres (605sqm) free and unencumbered and with all its rights and appurtenances, bounded on the South by Triq Dun Karm, on the West by an unnamed alley and on the North by property of unknown third parties … and
> b) a divided portion of land also having a frontage on Triq Dun Karm, Birkirkara, having a superficial area of approximately two hundred and ninety eight square metres (298sqm), free and unencumbered and with all its rights and appurtenances, bounded on the North by Triq Dun Karm on the West by Moghdija il-Vitorja and on the South by property of Sandro Chetcuti and Michael Xuereb …

11. Jirriżulta li parti sostanzjali minn din l-art kienet esproprjata permezz ta' dikjarazzjoni pubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tas-17 ta' Marzu 1989[17]. Mix-xiehda mogħtija minn Peter Mamo, mill-Awtorità tal-Artijiet, irriżulta li ebda kumpens għadu ma tħallas billi t-titolu għadu ma ġiex stabbilit. Is-sid apparenti skont l-Awtorità tal-Artijiet huwa ċertu Carmelo Debono mir-Rabat, u dan skont tagħrif mill-Għammieri[18]. Xehed ukoll rappreżentant mid-Dipartiment tal-Agrikoltura[19], li spjega li l-art in kwistjoni kienet oriġinarjament immarkata bin-numri 137 u 138 fuq il-pjanti tad-Dipartiment[20]. Il-parti tal-art immarkata bin-numru 137 tidher li kienet reġistrata mad-Dipartiment bħala appartenenti lil Ġanni Camilleri, u li tinħadem minn Karmnu Vella[21]. Il-parti tal-art

[14] Ara l-artikolu 3(f) tat-testment sigriet, a folio 12.
[15] Ara l-artikolu 6(a) tat-testment sigriet, a folio 14.
[16] Ara folio 110A.
[17] Ara folio 160.
[18] Ara d-dokument a folio 162 u x-xiehda ta' Peter Mamo a folio 142-143.
[19] Ara folio 187.
[20] Ara folio 201.
[21] Ara folio 202.

immarkata bin-numri 138 tidher li hija reġistrata fuq il-ktieb tar-raba' bin-numru 130, iżda ħarsa lejn dak il-ktieb tar-raba' juri li l-art in kwistjoni ma tidhirx imniżżla[22].

12. L-atturi jgħidu li l-art in kwistjoni kienet mikrija lil Helen Calleja bil-kera ta' żewġ liri u għaxar ċenteżmi fis-sena, pagabbli fil-festa ta' Santa Marija. Fl-atti hemm eżebiti riċevuti tal-kera għas-snin 1975, 1976, 1977, 1978, 1979, 1980, 1981, 1982, 1983 u 1984[23] kif ukoll għas-sena 1985, u riċevuta waħda għas-snin 1986 sa 1990, rilaxxata fis-sena 1990[24]. Carmelo Borg, li miegħu sar konvenju biex jakkwista ż-żewġ porzjonijiet art mertu ta' din il-kawża, xehed li huwa kien jaf din l-art anki minn qabel ma seħħet l-esproprjazzjoni li wasslet għall-formazzjoni ta' Triq Dun Karm f'Birkirkara. Hu xehed illi jaf l-art f'idejn George Sammut u ċertu Charlie, li kien żewġ oħt George Sammut, li kienu jużaw l-art għall-insib. Jgħid li dan Charlie kien l-aħħar li ħadem l-art qabel għaddiet it-triq imsemmija, u li George Sammut kien iben Helen Sammut, li fuqha kienu jinħarġu l-irċevuti tal-kera[25]. Skont dan ix-xhud, parti mill-art kienet tinħadem ukoll mill-familja Borg, li kienet toqgħod fil-mitħna fil-viċin. Borg kien imur hu bil-kera tiegħu u ta' Sammut għand il-Professur Ganado, li kien joħroġ riċevuta fuq Sammut biss[26]. Jidher li kien wara li sar il-konvenju bejn l-atturi u Carmelo Borg li rriżulta minn riċerki fir-Reġistru tal-Artijiet li kien hemm reġistrazzjoni favur il-konvenuti[27].

13. Xehed ukoll Carmel sive Charles Borg, persuna diversa minn Borg l-akkwirent prospettiv tal-artijiet in kwistjoni. Dan Borg xehed[28] li huwa twieled u għex fil-mitħna li tmiss mal-art li hu u familtu dejjem kienu jafu bħala "Ta' Ganado". Hu xehed li madwar ħamsa u tletin sena qabel ix-xiehda tiegħu (li saret bil-mezz ta' affidavit li ġie kkonfermat bil-ġurament fit-23 ta' Frar 2018), il-Professur Ganado kien ippermettielu jokkupa l-kamra b'art ta' madwar tomnejn magħha. Huwa spjega li din l-art kienet tinħadem mill-familja Sammut li kienu jqabblu l-art mingħand Ganado, u warajhom kien hemm ċertu Chalie miż-Żejtun li kien miżżewweġ lil waħda mit-tfal ta' Sammut. Huwa kien ħa art mingħand Sammut u beda jħallas Lm2 qbiela lilhom, u huma jmorru

[22] Ara folio 203.
[23] Ara folio 68, 69 u 71.
[24] A folio 72.
[25] Ara folio 126.
[26] Ara folio 127.
[27] Ara wkoll l-affidavit tal-Avukat Maximillian Ganado, a folio 134.
[28] Ara l-affidavit tiegħu a folio 136.

għand Ganado li kien jiffirmalhom il-ktieb tal-kera. Wara xi żmien, Sammut qalu lix-xhud li ma riedux ikomplu jiġbru l-qbiela huma, u ssuġġerew li Borg imur ikellem lil Ganado. Għal dan l-iskop, għaddewlu l-kotba tal-qbiela. Borg jgħid li l-oriġinali ta' dawn il-kotba jinsabu għandu, u li l-kopji tagħhom huma eżebiti fil-proċess bħala Dok G1[29]. Meta mar ikellem lill-Professur Ganado, wasal fi ftehim miegħu li ma jħallas ebda qbiela, iżda jista' jokkupa l-art u l-kamra sakemm jiġi bżonnha Ganado. Borg jgħid ukoll li l-aħħar darba li ħallas lil Sammut kien fis-sena 1990, meta kellu xi ħames pagamenti b'lura. Borg kompla jgħid li ftit snin wara li kellem lil Ganado, kien għadda l-bypass ta' Birkirkara. Mal-affidavit tiegħu, huwa eżebixxa pjanta li fuqha mmarka l-mitħna u l-kmamar, kif ukoll passaġġ li hu xehed li kien jibqa' tielgħa qalb ir-raba' kollu fl-inħawi[30]. Wara l-ftuħ tal-bypass, Borg xehed li ma baqax jaħdem il-biċċa ta' fuq, u l-biċċa t'isfel huwa radamha u beda jużaha bħala *yard* għal karozzi. Jgħid li hu tilef l-interess fil-biċċa ta' fuq minħabba li kien hemm triq prinċipali tifirdu minnha, u warajh daħal fiha Charlie, li kien miżżewweġ lil bint Sammut, iżda wara xi snin kien telaqha wkoll. Borg isemmi wkoll episodju fejn huwa żied mal-kostruzzjoni eżistenti u kien ġie jikkonfrontah irrabjat il-Professur Ganado[31]. Borg jgħid li ma jafx min huma l-konvenuti u qatt ma rahom hemm. Jgħid li lill-Gilardu rah jibda jaħdem l-għalqa madwar ħmistax-il sena qabel, però ma jgħidx min hu Gilardu. Temm l-affidavit tiegħu billi qal li għadu jokkupa l-għalqa t'isfel sallum, bi pjaċir tas-sidien.

14. Xehdu wkoll Maria Mifsud[32], bint Helen Sammut, u żewġha Michael Mifsud[33] li xehdu li l-art in kwistjoni kienet tinħadem minnhom qabel ma ttieħdet għat-triq, u li kienet ilha fil-familja Sammut għal għexieren ta' snin. Huma però ma setgħux jagħtu tagħrif dwar min kienu s-sidien tal-art jew kinitx titħallas qbiela fuq l-art. Mill-verbal tal-udjenza tal-14 ta' Mejju 2018[34], jidher li xehed ukoll George Sammut, prodott mill-atturi. Madanakollu t-traskrizzjoni tax-xiehda tiegħu ma tirriżultax inserita fl-atti proċesswali. Dan in-nuqqas ġie debitament rilevat fl-udjenza tad-9 ta' Frar 2022[35], u l-atturi kellhom jirregolaw ruħhom dwar jekk riedux li jerġgħu jipproduċu lil dan ix-

[29] Ma jidhirx li jeżisti dokument immarkat bħala "G1". Hemm però dokument immarkat bl-ittra "G" biss, li huwa t-testment tat-12 ta' Ġunju 1950, diġà msemmi.
[30] A folio 138.
[31] Ara folio 137.
[32] A folio 236.
[33] A folio 239.
[34] A folio 173.
[35] A folio 478.

xhud. Iżda sussegwentement ma saret ebda talba biex George Sammut jerġà jixhed, u għal din il-qorti dan jista' biss ifisser li l-atturi rrinunzjaw għax-xiehda tiegħu.

15. Min-naħa l-oħra, l-konvenuti għamlu kuntratt fl-atti tan-Nutar John Spiteri fis-17 ta' Novembru 2008[36] li bih xtraw mingħand Angela mart John Aquilina nofs indiviż tal-porzjoni diviża t'art li tinsab fi Triq Dun Karm Psaila, fil-limiti ta' Birkirkara/San Ġwann, tal-kejl ta' ċirka sitt mija u tletin metru kwadru, u konfinanti min-nofsinhar mal-imsemmija triq, mill-majjistral ma' Triq Vincenzo Galea u mill-irjieħat l-oħra kollha ma' San Ġwann Industrial Estate, murija fuq il-pjanta li ġiet eżebita ma' dak l-att. Fil-kuntratt appena ċitat, jingħad li l-konvenut huwa ġjà sid tan-nofs indiviż l-ieħor ta' din l-art, u li l-art kienet oriġinarjament tappartjeni lil Angelo, Joseph u Philip aħwa Galea, iżda ddevolviet fuq il-konvenut u fuq oħtu l-venditriċi Angela Aquilina permezz ta' suċċessjoni. Jidher ukoll li ntalbet reġistrazzjoni tat-titolu tal-art favur il-konvenuti għall-kejl ta' 630 metri kwadri, li però kellha titnaqqas minħabba *overlap* ma' reġistrazzjoni oħra. Ir-reġistrazzjoni favur il-konvenut u oħtu ġiet approvata fid-29 t'Ottubru 2007[37]. Fil-konfront ta' din ir-reġistrazzjoni, il-kumpanija attriċi irreġistrat kawzjoni bin-numru LRC 2395/17[38].

16. Il-konvenut xehed li meta kien għadu tifel, u ċjoè għal ħabta tas-sena 1966, diġà jiftakar l-art in kwistjoni tinħadem minn ċertu Carmelo Calleja. Dan Calleja, jgħid il-konvenut, kien iħallas lil missier il-konvenut Lm1 fis-sena għall-okkupazzjoni tal-proprjetà. Il-konvenut eżebixxa l-aħħar riċevuta mħallsa minn Calleja li tkopri l-perjodu mis-sena 1966 sa 1967[39]. Fis-sena 1967, daħal jaħdem l-art Nicholas Spiteri, li baqa' jaħdimha sas-sena 1997. Spiteri baqa' jħallas lil missier il-konvenut sas-sena 1973[40], meta miet missier il-konvenut, u sussegwentement beda jħallas lill-konvenut stess[41]. Mis-sena 1997, daħal fl-art Gerald Gatt, li għadu fl-art sallum. Il-konvenut jgħid li Gatt qatt ma ħallas xejn bi ftehim miegħu. Sostna wkoll li huwa ma jafx min huma Helen Sammut jew Angelo Sammut[42].

---

[36] Kopja eżebita a folio 76.
[37] Ara d-dokument eżebit a folio 154.
[38] Ara folio 110, kif ukoll ix-xiehda ta' Dr Claude Sapiano a folio 147.
[39] Ara folio 442.
[40] Ara folio 447 sa 451.
[41] Ara folio 443 sa 446.
[42] Ara folio 440 u 441.

17. Eżami tal-irċevuti preżentati mill-konvenut juru li Carmelo Calleja ħallas lil Philip Galea, missier il-konvenut, kera għall-perjodu li jibda fis-6 ta' Novembru 1966 sas-6 ta' Novembru 1967[43]. Għall-istess perjodu jidher li sar ħlas ukoll minn Nicholas Spiteri[44].

18. Il-konvenuti pproduċew bħala xhud lil Gerald Gatt, li xehed li huwa ilu jaħdem il-parti ta' fuq tal-art (ċjoè dik immarkata bl-ittra "Y" fuq il-pjanta li tinsab a folio 123) bil-barka tal-konvenut sa mis-sena 1997. Jgħid li meta ġie biex jidħol fiha kellu jġib gaffa biex ineħħi l-ġebel kollu mirdum f'din l-art wara l-proġett tal-bypass, u li qabel l-okkupazzjoni tiegħu, din l-art kienet okkupata minn Nikola Spiteri u huwa daħal fiha wara ftehim mal-istess Spiteri[45]. Huwa sostna li matul iż-żmien kollu tal-okkupazzjoni tiegħu, ħadd qatt ma tellfu[46]. Nikola Spiteri laħaq miet qabel ma xehed[47]. Li Gatt kien jokkupa din l-art huwa kkonfermat anki minn Carmel Borg[48], fil-kontro-eżami tiegħu[49]. L-istess Borg, mistoqsi dwar Nikola Spiteri wieġeb li ma jafx bih u dwar Karmnu Calleja, qal li ma jafx jekk kienx jaħdimha[50]. Nikola Spiteri però ssemma minn Michael Mifsud fil-kontro-eżami tiegħu, li xehed li kien missier martu li ta lil Spiteri parti żgħira taħt il-ħajt biex jaħdimha u jgħaddi l-ħin[51].

Ikkunsidrat:

19. Illi għad li fir-rikors maħluf tagħhom, l-atturi ma jitolbux l-iżgumbrament tal-konvenuti, hija l-fehma ta' din il-qorti li l-azzjoni tagħhom tibqa' xorta dik rivendikatorja. Ġie diversi drabi ritenut illi dak li jikkaratterizza l-azzjoni ta' rivendikazzjoni minn azzjonijiet oħrajn li huma wkoll petitorji u li jikkonċernaw titolu ta' proprjetà huwa proprju l-fatt li l-konvenut ikun fil-pussess tal-proprjetà kontestata. Diversament, l-azzjoni ma titqisx rivendikatorja imma sempliċiment waħda ta' aċċertament ta' titolu. Kif osservat il-Qorti tal-Appell fil-kawża ***Mario Galea Testaferrata et vs. Lawrence Fino noe et*** (30/7/2010):

[43] Ara folio 442.
[44] Ara folio 451.
[45] Ara folio 436.
[46] Ara folio 434.
[47] Ara l-verbal tal-udjenza tal-1 ta' Ġunju 2021, li jinsab a folio 438.
[48] Dan huwa Carmel Borg li xehed permezz tal-affidavit li jinsab eżebit a folio 126.
[49] Ara folio 481.
[50] Ara folio 482.
[51] Ara folio 499.

> F'dan ir-rigward din il-Qorti tosserva li dan l-aggravju huwa marbut ma' konsiderazzjoni oħra u ċioè jekk l-azzjoni intentata mill-atturi tammontax għal waħda rivendikatorja jew sempliċement dikjaratorja. Dan qed jingħad għax, kif sewwa osservat l-ewwel Qorti, il-presenza tas-soċjeta` Tamarac Limited ma kienitx tant meħtieġa kemm-il darba din l-azzjoni hija waħda dikjaratorja. Infatti f'dawn il-proċeduri l-atturi qed jitolbu dikjarazzjoni fis-sens li l-art in kwistjoni li ġiet trasferita lis-soċjetà Seafront Properties b'kuntratt pubbliku hija tagħhom, u daqshekk. Mhux qed jirrivendikaw l-proprjeta` billi din dejjem kienet, u għadha, fil-pussess taghhom

20. Hekk ukoll, fid-deċiżjoni ***Francis Teuma vs. Christian Holland et*** (Prim'Awla, 16/12/2021)[52] intqal:

> Kuntrarjament għal dak sottomess mill-konvenuti, din mhix azzjoni rivendikatorja. Fl-azzjoni rivendikatorja, l-attur jitlob lill-Qorti li ttih lura l-pussess tal-ħaġa li jgħid li hi tiegħu, u li tkun fil-pussess ta' ħaddieħor. Fil-każ preżenti, dan mhuwiex il-każ, għaliex il-pussess qiegħed f'idejn l-attur stess. Azzjoni bħal din tissejjaħ **azzjoni t'aċċertament**. Tant li t-talbiet huma kollha biex isiru dikjarazzjonijiet mill-Qorti, u xejn iżjed. L-attur fl-azzjoni t'aċċertament huwa meħlus milli jipprova t-trasferimenti tal-proprjeta` sa għeluq iż-żmien meħtieġ għall-użukapjoni, meħtieġa fl-azzjoni rivendikatorja u msejjħa l-prova dijabolika minħabba d-diffikulta` biex tiġi ppruvata. Dan għaliex l-iskop tal-azzjoni t'aċċertament mhuwiex li jitbiddel stat ta' fatt, imma biss li jitneħħa l-istat t'inċertezza dwar il-leġittimita` tas-setgħa de facto fuq il-ħaġa li tkun qiegħda diġa` fil-pussess tiegħu

21. Mill-provi rriżulta ċar li l-art in kontestazzjoni, u ċjoè dik immarkata bl-ittra 'Y' fil-pjanta li tinsab a folio 93 tal-atti proċesswali, hija attwalment detenuta minn Gerald Gatt, b'tolleranza mill-konvenuti u għalhekk f'isimhom, bil-konsegwenza li l-possessuri ta' din l-art huma l-konvenuti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 524(2) tal-Kodiċi Ċivili. Jekk din id-detenzjoni u l-konsegwenzjali pussess tal-konvenuti humiex leġittimi jew le, wieħed għad irid jara. Però hemm żgur din iż-żamma tal-oġġett in

[52] Pendenti fl-appell. Madanakollu, l-appell ma jirrigwarda b'ebda mod l-osservazzjonijiet studjati magħmula mill-qorti tal-ewwel istanza dwar in-natura tal-azzjoni.

kontestazzjoni minn Gatt f'isem il-konvenuti, u għalhekk bla dubju l-azzjoni ma tistax ħlief titqies bħala waħda rivendikatorja.

22. Stabbilita allura n-natura tal-azzjoni attriċi, huma opportuni s-segwenti osservazzjonijiet.

23. Din l-azzjoni tispetta biss lis-sid tal-ħaġa – *In Rem actio competit ei qui aut Jure Gentium aut Jure Civili dominium acquisit* (I. 23 Paul lib.21 ad Ed). Ukoll jinsab mgħallem li, «*L'azione di rivendicazione è un azione reale, poichè nasce da un diritto reale che taluno ha in una cosa, cioè dal suo dominio di proprietà*»[53].

24. Illi r-regolament tal-piż tal-prova mistenni mill-attur f'azzjoni bħal din ġie fid-dottrina legali spjegat hekk:

> 46. L'attore deve provare in modo rigoroso e completo la proprietà della cosa oggetto dell'azione, mentre, trattandosi di azioni diversi, benchè affini, la prova è meno rigorosa e può far carico tanto all'attore che al convenuto, a seconda degli assunti rispettivi. Che nel giudizio per dichiarazione di proprietà basti anche un titolo imperfetto, purchè abbia prevalenza su quello della controparte, è proclamato dalla prevalente giurisprudenza…
>
> Nella vera e propria azione di rivendicazione il convenuto, trovandosi in possesso della cosa, non ha obbligo di fornire la prova della sua proprietà; egli è protetto dal suo possesso, fintanto che il rivendicante non abbia provato la proprietà della cosa che reclama. L'attore, per espletare la prova che gli incombe, deve dimostrare, prima di ogni altra cosa, che la cosa acquistata sia precisamente quella domandata, o che per via di opposizione di terzo sostenga di aver diritto a non rilasciare. Il rivendicante poi non è ammesso a discutere della mancanza del diritto del possessore o dei vizi del possesso, se non può dimostrare un titolo migliore.
>
> …
>
> 47. La prova, che incombe all'attore, diventa più rigorosa allorchè egli invochi un titolo di acquisto derivativo della proprietà. È, infatti, regola costante, salve eccezzione in vista di circostanze speciali, che l'attore in rivendicazione,

[53] ***Pothier***, Trattato della Proprietà, Vol.II, paġna 3.

ogniqualvolta si fondi sopra un titolo derivativo, abbia l'obbligo di provare anche la proprietà del suo autore. Poichè la vendita della cosa altrui è nulla (articolo 1459), il rivendicante deve dimostrare che l'alienante era proprietario, o che, mediante l'unione dei possessi, siasi realmente verificata l'usucapione[54]

25. ***Pacifici Mazzoni*** jagħmel din l-espożizzjoni tal-prinċipji applikabbli:

Sembra dall'altro canto che per equità non possa pretendersi dall'attore se non la prova di un diritto migliore o più fondato di quello del reo convenuto. Da questo principio, che è pure sussidiato dalla presunzione della proprietà annessa al possesso, derivano le tre seguenti regole:

1º Quando l'attore produce un titolo traslativo di proprietà, consentito a suo favore, e il reo convenuto non produce alcuno, deve ritenersi che quegli abbia provato sufficientemente il suo diritto di proprietà, purche il suo titolo sia anteriore al possesso del reo convenuto. In verità in questo caso, e in riguardo ai rapporti dei litiganti, il possesso recente del reo convenuto non può essere riguardato se non come un'usurpazione commessa a pregiudizio dell'attore. In caso contrario egli, per fare ammettere la sua domanda, dovra provare il diritto di proprietà del suo autore, mediante una giustificazione analoga alla sopraindicata, cioè producendo il titolo di questo, e provando che esso è di data anteriore al possesso del reo convenuto. Aggiungasi che quantunque in verità non basti la proprietà che siasi avuta in passato, ma si richiegga che appartenga all'attore nell'atto che intenta la rivendicatoria, perche' la sua domanda possa essere ammessa; nondimeno, provato l'acquisto, egli non è tenuto di provare ancora che la proprietà abbia continuato a risedere presso di lui; imperocchè in primo luogo tale continuazione è presunta, finche il reo convenuto non provi che sia stata trasferita a lui, e in secondo luogo tal prova si aggirerebbe sopra un fatto negativo, inquantochè l'attore dovrebbe provare di non aver perduto la proprietà acquistata. Ma senza dubbio, all'infuori di questa ipotesi, per agire in rivendicazione non basta avere in proprio favore un titolo abile a trasferire la proprietà della cosa, ma conviene provare che l'alienante aveva diritto di trasmettere quella proprietà.
2º Quando si l'attore che il reo convenuto producono titoli traslativi di proprietà, e questi emanino dalla stessa persona,

[54] ***Digesto Italiano***, vuċi "Rivendicazione (Azione di)", §46-47.

> la preferenza è regolata dall'anteriorità della trascrizione, o, secondi casi, dei titoli stessi. Che se questi titoli emanino da diversi autori, la domanda deve essere rigettata, e il reo convenuto mantenuto in possesso, per la nota massima che, *In pari causa melior est conditio possidentis*; eccetto che l'attore non riesce a provare, che il suo autore avrebbe vinto quello del reo convenuto se la lite si fosse agitata fra questi due; perocchè in questo caso troverebbe precisa applicazione la regola che *Nemo plus iuris in alium transferre potest, quam ipse habeat*.
> 3º Allorchè l'attore non produce alcun titolo a sostegno della sua domanda, e si limita ad invocare o atti antichi di possesso, presunzioni tratte dallo stato dei luoghi, o altre circostanze, deve distinguersi, se il reo convenuto abbia avuto o no un possesso esclusivo e ben determinato; nel primo caso la presunzione di proprietà derivante dal possesso del reo convenuto deve prevalere, per quanto possono essere gravi le circostanze di fatto che favoriscono l'attore; nel secondo caso il giudice deve valutare le presunzioni invocate dall'una e dall'altra parte contendente, e dal loro esame comparativo attingere la convinzione per ammettere o rigettare la domando.
>
> Del resto, la prova della proprietà può farsi dal rivendicante anco col mezzo di presunzioni e congetture; segnatamente ove trattasi di un dominio antico.[55]

26. Illi l-ġurisprudenza tagħna ammettiet ukoll il-possibilità li l-prova tat-titolu ssir b'mezzi oħrajn. Fid-deċiżjoni ***Aloisia Fenech et vs. Francesco Debono et***[56] ġie ritenut li, «*Dina l-prova tista' ssir, jew bl-eżibizzjoni tat-titolu ta' l-akkwist jew bl-istess preskrizzjoni akkwiżittiva jew bi kwalunkwe mezz ieħor permess mil-liġi*», kompriż permezz ta' preżunzjonijiet u argomenti ta' verosimiljanza, tkompli l-istess deċiżjoni. Fl-istess sens hija wkoll id-deċiżjoni ***Michele Attard nomine vs. Felice Fenech*** (Appell Superjuri, 28/4/1875)[57]. Maż-żmien kien hemm ġurisprudenza li qieset li l-oneru tal-prova fuq l-attur f'azzjoni ta' rivendika tiġi mtaffija fejn il-konvenut, minflok jistrieħ fuq il-pussess tiegħu, jinvoka titolu huwa wkoll. Per eżempju, fil-kawża ***Giuseppe Abela vs. John Żammit***[58] jingħad li: «*Jekk l-istess ċitat jagħżel spontaneament li għall-azzjoni attriċi jeċċepixxi dritt ta' proprjetà, huwa jkun qiegħed impliċitament jirrikonoxxi id-dominju jew titolu ta' l-attur, iżda jkun qiegħed jgħid illi t-titolu tiegħu huwa aktar validu u*

[55] Commentario del Codice Civile (UTET, 1927), Vol.I, para.99.
[56] Prim'Awla, 14/5/1935 – Kollezz. Vol.XXIX.ii.488.
[57] Kollezz. Vol.VII.390.
[58] Prim'Awla, 16/5/1962 – Kollezz. Vol.XLVI.ii.619.

*kwindi skond ir-regoli probatorji 'reus in excipiendo fit actor', din id-difiża timporta li l-konvenut jgħaddi għall-provi tat-titolu tiegħu, u jekk ma jirnexxix fil-meritu, ikollha tipprevali l-massima 'melius est non habere titulum quam habere vitiosum'*». Hekk ukoll fil-kawza ***Albert Mizzi noe vs. Rita Azzopardi et***[59] intqal: «*…meta l-konvenut f'azzjoni rivendikatorja ma jiddefendix ruħu bil-pussess imma billi jinvoka favur tiegħu titolu fuq il-ħaġa rivendikata ssir impellenti għall-Qorti li teżamina t-titolu pretiż mill-konvenut. U jekk il-konvenut ma jirnexxilux jipprova t-titolu minnu allegat u jibqa' sokkombenti f'din il-prova, huwa prekluż milli jinvoka favur tiegħu l-pussess*». Fl-istess sens hija wkoll id-deċiżjoni ***Peter Paul Attard pro et noe vs. John Portelli et***[60] kif ukoll id-deċiżjoni ***Nancy Mangion et vs. Albert Bezzina Wettinger***[61].

27. F'deċiżjonijiet aktar riċenti, ġie però msaħħaħ il-prinċipju li l-attur huwa mistenni li xorta waħda jressaq prova sħiħa ta' titolu oriġinali, anki fejn il-konvenut jeċċepixxi titolu huwa stess. L-uniku eċċezzjoni għal dan il-prinċipju identifikata minn din il-ġurisprudenza hija fejn kemm l-attur u kemm il-konvenut jinvokaw titoli mingħand l-istess awtur. Il-Qorti ta' l-Appell, fil-kawża ***St George's Park Co Ltd vs. Ann Pauline Beatrice Downer et*** (28/4/2021) hekk esponiet il-pożizzjoni applikabbli:

> Il-pożizzjoni ormai stabbilita mill-qrati tagħhna hi l-attur f'azzjoni ta' rivendika jrid jipprova titolu oriġinali, ossia l-pussess *ad usucapionem* fuq l-art in disputa, u li mhux biżżejjed li juri titolu derivattiv anke meta l-konvenut jivvanta titolu fuq l-istess proprjeta`. Issir riferenza f'dan ir-rigward għas-sentenza mogħtija minn din il-Qorti tal-Appell fid-29 ta' Ottubru 2018 fil-kawża fl-ismijiet: "***Richard England et v. Joseph Muscat***"
>
> *"Igħidu ħażin l-intervenuti li "f'azzjoni ta' rivendikazzjoni huwa magħruf li t-titoli li jridu jiġu preżentati mhux l-usucapio iżda kuntratti ċari u inkonfutabbli". Anzi, ladarba hu meħtieġ titolu oriġinali, kuntratti, ikunu kemm ikunu "ċari u inkonfutabbli", qatt ma jistgħu weħedhom ikunu prova biżżejjed għax kuntratt huwa titolu derivattiv mhux oriġinali……"*
>
> Madanakollu, kif insenjat din il-Qorti fl-imsemmija kawża, f'ċirkostanzi fejn l-attur u l-konvenut it-tnejn jippretendu titolu fuq ħaġa li tkun ġejja mill-istess awtur huwa biżżejjed li l-attur jipprova titolu derivattiv u mbagħad isir eżami komparattiv biex jiġi stabbilit min għandu l-aħjar titolu.

[59] Appell, 27/3/1996 – Kollezz. Vol.LXXX.ii.605.
[60] Appell, 6/10/1999.
[61] Appell, 5/10/2001.

*"Fid-dritt modern ma għadx hemm id-distinzjoni bejn res mancipi u res nec mancipi u għalhekk* ***strettament ma hemmx lok għall-azzjoni publiciana, lanqas favur min ikun kiseb immobbli mingħajr att pubbliku. Dak l-isem iżda ngħata lill-azzjoni fejn l-attur juri titolu u kemm l-attur u kemm il-konvenut jippretendu titolu fuq il-ħaġa mingħand l-istess awtur, u f'dik is-sitwazzjoni jirbaħ min ikollu l-aħjar titolu fis-sens ta' prijorità****. F'ċirkostanzi oħra – i.e. meta l-attur u l-konvenut ma jkunux jippretendu titolu mingħand l-istess awtur – ma jkunx biżżejjed għall-attur li juri "pussess anterjuri" jekk dak il-pussess ma jkunx ikkonsolida bl-użukapjoni, appuntu għax il-publiciana ma hijiex rei vindicatoria "lite".* (enfasi ta' din il-qorti)

28. Rassenja aktar dettaljata tal-ġurisprudenza prevalenti dwar il-livell tal-prova mistenni f'kawża bħal din tista' tinstab fid-deċiżjoni ***Anthony Sammut et vs. Paul Muscat*** (Appell Superjuri, 26/1/2022):

8. Jibda biex jiġi enfasizzat u ppreċiżat qabel xejn illi meta konvenut f'azzjoni ta' rivendika jeċċepixxi titolu fuq l-istess art in kontestazzjoni, dan ma jnaqqasx mill-prova tat-titolu oriġinali li jridu jressqu l-atturi fuq tali art. L-attur xorta waħda, fl-ewwel lok, irid jipprova li għandu titolu oriġinali fuq l-art (sakemm il-konvenut ma jkunx qed jirrikonoxxi l-validita` tat-titolu tal-attur iżda jivvanta titolu aħjar, jew sakemm l-attur u l-konvenut ma jkunux qed jippretendu titolu mingħand l-istess awtur, li mhux il-każ hawnhekk).

9. Fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell fid-29 ta' Ottubru 2018 fil-kawża fl-ismijiet: "**Richard England et v. Joseph Muscat**" ġie insenjat li l-attur irid jipprova titolu oriġinali, *ossia* l-pussess *ad usucapionem*, fuq l-art in disputa, u li mhux biżżejjed li juri titolu derivattiv.

"Igħidu ħażin l-intervenuti li "f'azzjoni ta' rivendikazzjoni huwa magħruf li t-titoli li jridu jiġu preżentati mhux l-usucapio iżda kuntratti ċari u inkonfutabbli". Anzi, ladarba hu meħtieġ titolu oriġinali, kuntratti, ikunu kemm ikunu "ċari u inkonfutabbli", qatt ma jistgħu weħedhom ikunu prova biżżejjed għax kuntratt huwa titolu derivattiv mhux oriġinali."

10. Għalhekk anke meta konvenut f'azzjoni ta' rivendika jivvanta da parti tiegħu titolu fuq l-art in disputa, l-attur xorta jrid jipprova li għandu titolu oriġinali. Din il-Qorti fl-istess sentenza, fil-fatt ippreċiżat hekk (enfasi ta' din il-Qorti):

*"**Sabiex jitneħħa kull ekwivoku u ma tinħoloqx l-impressjoni illi lazzjoni publiciana hija xi forma "ekonomika" tal-azzjoni rei vindicatoria – speci ta' actio rei vindicatoria "lite" li l-attur jista' liberament jagħżel bejn waħda u l-oħra – il-qorti tosserva illi dik li llum tissejjaħ actio publiciana ma hijiex l-azzjoni publiciana tad-dritt Ruman**. L-actio publiciana kienet actio utilis ficticia in rem li l-pretur kien jagħti lil min cum iusta causa iżda b'mod ta' akkwist li ma jiswiex għat-trasferiment ta' res mancipi – e.g. traditio flok mancipatio jew in jure cessio – ikun kiseb res mancipi u jkun kisibha a domino, u jitlef il-pussess tal-ħaġa qabel ma jkun laħaq għadda ż-żmien biex ikun ikkonsolida t-titolu u kiseb il-proprjetà b'usucapio. B'finzjoni li għadda żmien biżżejjed biex seħħet usucapio l-pretur kien jippermetti lill-attur li jikseb lura l-pussess ukoll mingħand is-sid kwiritarju. Fid-dritt modern ma għadx hemm id-distinzjoni bejn res mancipi u res nec mancipi u għalhekk strettament ma hemmx lok għall-azzjoni publiciana, lanqas favur min ikun kiseb immobbli mingħajr att pubbliku. **Dak l-isem iżda ngħata lill-azzjoni fejn l-attur juri titolu u kemm l-attur u kemm il-konvenut jippretendu titolu fuq il-ħaġa mingħand l-istess awtur, u f'dik is-sitwazzjoni jirbaħ min ikollu l-aħjar titolu fis-sens ta' prijorità. F'ċirkostanzi oħra – i.e. meta l-attur u l-konvenut ma jkunux jippretendu titolu mingħand l-istess awtur – ma jkunx biżżejjed għall-attur li juri "pussess anterjuri" jekk dak il-pussess ma jkunx ikkonsolida bl-użukapjoni, appuntu għax il-publiciana ma hijiex rei vindicatoria "lite"**"".*

11. Fil-kawża fl-ismijiet "**<u>William Portelli v. Peter Paul Portelli</u>**", deċiża fis-27 ta' Settembru 2019, din il-Qorti għamlitha ċara li l-fatt waħdu li l-konvenut ikun ivvanta titolu ma jeħlisx lill-attur mill-oneru tal-*probatio diabolica*:

*"29. Fi kwalunkwe każ, anke li kieku kellu jitqies li l-pjanta kienet ser twassal lill-periti biex jikkonkludu li l-passaġġ li fuqu jisporġi l-ħajt huwa inkluż fl-art li akkwista l-attur fl-1987, ma kienx ikun biżżejjed biex l-attur jipprova li għandu titolu oriġinali fuqu. Ma huwiex korrett dak li jgħid l-attur li biżżejjed għalih li juri li għandu titolu aħjar minn dak li għandu l-konvenut. Ir-raġuni għal dan ma hijiex - kif jgħid il-konvenut - li l-konvenut fl-eċċezzjonijiet tiegħu ma ivvantax titolu: ir-raġuni hi li l-attur fl-azzjoni revindikatorja għandu juri titolu oriġinali. Il-fatt waħdu li l-konvenut jivvanta titolu ma jeħlisx lill-attur mill-oneru tal-probatio diabolica; l-attur jinħeles minn dak l-oneru fil-każ biss li l-konvenut, impliċitament jew espressament, jammetti l-validita` tat-titolu tal-attur iżda jivvanta titolu*

*aħjar. L-attur se mai kellu jressaq ferm aktar provi minn sempliċi kuntratt tal-akkwist, li jipprova biss titolu derivattiv, u adirittura minn trasferiment wieħed biss. Kellu jmur ferm aktar lura fir-riċerki tiegħu biex jittanta jagħmel il-prova rikjesta f'azzjoni bħal din.*

*30. Huwa magħruf li f'azzjoni rivendikatorja, l-attur irid jipprova t-titolu tiegħu mingħajr ebda ombra ta' dubbju – ara per eżempju s-sentenza tal-Qorti tal-Appell mogħtija fl-1958 fil-kawża fl-ismijiet* ***Borg v. Buhagiar****. F'dik il-kawża intqal illi kwalunkwe dubbju għandhu jimmilita favur il-konvenut possessur. "L'attore rivendicante deve provare in modo posittivo la proprietà che reclama e basta il semplice dubbio sulla pertinenza della proprietà perche il convenuto che e al possesso dev'essere assolto delle domanda". (Vol. XXIX.ii.488). Dan huwa biss eżempju għaliex hemm diversi sentenzi oħra simili. Wieħed jista' jsib rassenja dettaljata tagħhom fis-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fl-ismijiet* ***Anthony Mercieca v. Anthony Buhagiar*** *fit-23 ta' Ottubru 2001 fejn ġie ċitat ukoll l-awtur Torrente."*

12. F'sentenza mogħtija fis-27 ta' Marzu 2020 fil-kawża fl-ismijiet "**Emanuel Cauchi v. George Grech et**" il-Qorti tal-Appell diversament komposta, wara li kkonkludiet li l-attur ma rnexxilux jipprova jekk l-art li xtara permezz ta' kuntratt tal-1972 kinitx fil-fatt tinkludi l-art mertu tal-kawża (fis-sens li fl-aħjar ipotesi għalih kien jeżisti dubju jekk tali art kinitx inkluża), irriteniet li fi kwalunkwe każ ma rnexxilux jipprova titolu oriġinali fuq l-istess art:

*"Fi kwalunkwe każ ma hemmx titolu originali fuq il-biċċa art in kwistjoni derivanti mill-preskrizzjoni ta' 30 sena – għaliex Karmnu Camilleri kien għadu fiha meta l-attur xtara fl-1972 u ħareġ minnha żmien wara meta l-attur ħallsu (ma nafux meta) ....imbagħad il-konvenut (skont l-attur) daħallu fl-art inkwistjoni xi sentejn qabel ma saret il-kawża (allura cirka 1991). L-attur appellat ma huwiex jivvanta l-preskrizzjoni deċennali favur tiegħu u allura mhux il-każ li l-Qorti tidħol – iżda kif ġia ingħad id-daqs tal-art reklamata mhuwiex dak indikat fil-kuntratt tal-akkwist tal-appellati."*

29. Fl-istess sens hija wkoll id-deċiżjoni ***Carmel Portelli et vs. Norman Grech et*** (Appell Superjuri, 31/5/2023).

30. Illi l-qorti rat li fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom, l-atturi għamlu riferenza għal xi ġurisprudenza li, kif diġà ġie rilevat f'din is-sentenza, kienet tqis li l-attur f'azzjoni ta'

rivendikazzjoni ma kienx tenut li jġib prova ta' titolu oriġinali imma ta' titolu aħjar minn tal-konvenut, fejn il-konvenut stess jeċċepixxi titolu. Din il-qorti diġà rrilevat li teżisti din il-ġurisprudenza, li però fi żmien riċenti ma baqgħetx tiġi segwita. Kemm hu hekk, ġjà saret riferenza f'din is-sentenza għal diversi deċiżjonijiet mogħtija mill-Qorti tal-Appell li jassodaw li l-attur fl-azzjoni ta' rivendika huwa dejjem fid-dmir li jġib prova ta' titolu <u>oriġinali</u>. Id-deċiżjonijiet ċitati mill-atturi huma, fil-maġġor parti tagħhom, deċiżjonijiet tal-ewwel istanza li anki jippreċedu dawn ċitati minn din il-qorti. Fir-rigward tad-deċiżjoni ***Salvatore sive Salvinu Vella et vs. Paolina Vella et*** (Appell Superjuri, 29/3/2023), il-qorti tirrileva li l-parti ċitata mill-atturi fin-nota tagħhom tirreferi għad-deċiżjoni tal-ewwel istanza, li però kienet ġiet revokata mill-Qorti tal-Appell.

31. Illi l-kwistjoni ta' Dritt avvanzata mill-atturi, u ċjoè li l-attur f'din l-azzjoni huwa meqjus li jkun ressaq prova suffiċċjenti bl-eżibizzjoni tat-titolu tiegħu, anki derivattiv, kienet f'xi żmien sabet l-appoġġ ta' xi awturi, u għal xi żmien anki tal-ġurisprudenza tagħna. Però l-aktar ġurisprudenza riċenti tenniet in-neċessità li l-attur dejjem iressaq prova ta' titolu oriġinali. Pożizzjoni li hija aktar awtentika u aderenti mal-prinċipji fondamentali tad-duttrina legali. Ġie spjegat minn ***Molitor***: «*Ma questa maniera di vedere è respinta dai principi fondamentali del diritto, e condurrebbe d'altronde alle conseguenze le più ingiuste. Ed in prima, è regola che chiunque è attore deve provare il fondamento delle sue azioni. Or l'attore in rivindica si fonda sul diritto di proprietà, egli deve dunque provarlo. E come la tradizione non trasferisce altro diritto che quello che aveva il trasmittente, egli è evidente che il possessore attuale per provare che il suo trasmittente l'ha reso proprietario, deve provare che questi era egli stesso proprietario… La prova di questa proprietà è senza dubbio difficile, ma vi è la prescrizione per facilitarla, e per dissipare i dubbi, che sorgono sulle quistioni di proprietà: e l'usucapione fu introdotta, secondo Gajo, tanto per affermare il diritto del vero proprietario a cui il tempo aveva reso difficle la prova completa del suo diritto, che per favorire il possessore di buona fede (L. 1, D. XLI, 3)… … Sul secondo argomento consistente nel dire che, vista la difficoltà della pruova completa, l'equità non avrebbe dovuto richiedere che la pruova del* dominium auctoris*, esso non è più fondato del primo, e ci è facile dimostrare che l'equità esige proprio il contrario. Basta esaminare la posizione nella quale il sistema di Thibaut mette il convenuto, cioè il possessore, per provare che questo sistema conduce all'iniquità la più manifesta.*

*Poichè se da una parte, a causa di una pretesa difficoltà che si esagera, si deroga a questo principio elementare, che ogni attore deve provare completamente la sua dimanda, e che si allegerisca il peso che gli incombe come attore, dall'altra parte si aggrava oltre misura la posizione del convenuto mettendo a suo carico questa pruova non meno difficile: cioè che uno degli autori dell'attore non sarebbe stato proprietario: e in tal guisa si giunge alla singolare conseguenza che la condizione del convenuto diverrebbe meno favorevole di quella dell'attore*»[62]. Pożizzjoni dottrinali li l-aktar ġurisprudenza riċenti tal-Qorti tal-Appell, fuq ċitata, tħaddan.

32. Lura għall-każ odjern. Kif rajna mill-provi prodotti, l-atturi wrew li l-proprjetà in kwistjoni tidher li kienet inkisbet minn Marie Josephine Bugeja b'dota mingħand missierha, u ntirtet mill-Professur Ganado meta Buhagiar mietet fis-sena 1969. Il-Professur Ganado mbagħad ħalla din il-proprjetà b'legat lill-kumpanija attriċi, bl-użufrutt relattiv riservat favur l-istess attriċi martu. Madanakollu, dan huwa biss titolu derivattiv li ma jitqiesx suffiċċjenti għal finijiet tal-azzjoni rivendikatorja. L-atturi huma fid-dmir li juru titolu oriġinali għall-art in kwistjoni, u mingħajr dik il-prova, l-azzjoni tagħhom tista' biss tfalli. Kif qalet il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża ***Frank Pace et vs. Kummissarju tal-Artijiet et*** (19/2/2004): «*Illi, fl-aħħarnett, huwa meħtieġ li l-attur, f'kawża bħal din, iġib provi ta' titolu li jkun oriġinali u mhux derivattiv. B'tal-ewwel, l-awturi u d-duttrina tifhem dak it-titolu li jitnissel favur persuna mingħajr ma jkun mgħoddi lilu minn ħaddieħor, filwaqt li titolu derivattiv huwa dak fejn il-jedd jgħaddi mingħand persuna għal għand oħra*».

33. Titolu oriġinali jintwera biss permezz ta' titolu t'akkwist li bih l-akkwirent jikseb titolu li ma jkunx dipendenti fuq l-awtur tiegħu. Hekk, per eżempju, l-okkupazzjoni maħsuba fl-artikolu 561 tal-Kodiċi Ċivili hija mod t'akkwist b'titolu oriġinali. Huwa wkoll mod t'akkwist b'titolu oriġinali l-użukapjoni.

34. Huwa *jus receptum* li l-istitut tal-użukapjoni jeħtieġ għat-twettiq tiegħu mhux biss pussess li jkun kontinwu, mhux interrott, paċifiku, pubbliku, univoku u magħmul *uti dominus*, iżda wkoll li dak il-pussess jipperdura għal perjodu li ma jkunx inqas minn

[62] Il Possesso, la Revindica, la Pubbliciana e le Servitù (Napoli, 1836), paġ.231-232.

tletin sena. Naturalment, l-istitut tal-użukapjoni deċennali jinneċessita elementi differenti, iżda f'din il-kawża tinteressana biss l-użukapjoni trentennali.

35. Huwa paċifiku mill-provi li la l-atturi u lanqas l-awturi tagħhom fit-titolu ma kienu fil-pussess materjali tal-art. L-atturi però jsostnu li l-art kienet detenuta minn kerrejja tagħhom kif ukoll minn persuni oħrajn li kienu jippossjedu f'isimhom. L-artikolu 524 tal-Kodiċi Ċivili in fatti jipprovdi dan li ġej:

> 524.(1) Il-pussess huwa d-detenzjoni ta' ħaġa korporali jew it-tgawdija ta' jedd, li tagħhom tista' tinkiseb il-proprjetà, u li wieħed iżomm jew jeżerċitah bħala tiegħu nnifsu.
> (2) Persuna tista' tippossjedi bil-mezz ta' ħaddieħor illi jżomm il-ħaġa jew jeżerċita l-jedd fl-isem ta' dik il-persuna.
> (3) Min għandu ħaġa miżmuma għandu jew taħt idejh, iżda f'isem ħaddieħor, jissejjaħ detentur.

36. Illi skont l-artikolu 2118 tal-Kodiċi Ċivili mbagħad:

> Dawk li jżommu l-ħaġa f'isem ħaddieħor jew il-werrieta tagħhom, ma jistgħux jippreskrivu favur tagħhom infishom: bħal ma huma l-kerrejja, id-depożitarji, l-użufruttwarji, u, ġeneralment, dawk li ma jżommux il-ħaġa bħala tagħhom infishom.

37. Dan allura jfisser li jekk l-atturi seħħilhom juru li huma żammew l-art in kwistjoni, anki permezz tad-detenturi tagħhom, għal perjodu in eċċess ta' tletin sena, mela allura jkunu ippruvaw titolu oriġinali.

38. L-atturi jsostnu li l-art kienet okkupata għal żmien twil mill-familja Sammut. Huma eżebew xi kopji ta' riċevuti maħruġa minn prokuraturi tal-Professur Ganado favur Helen Sammut. Dawn l-irċevuti però jkopru l-perjodu mis-sena 1975 sas-sena 1990. Huma produċew ukoll bħala xhud lil Carmel sive Charles Borg[63], li xehed li wara l-familja Sammut, kien daħal fl-art hu b'tolleranza tal-Professur Ganado, u dan madwar 35 sena qabel ma xehed. Hu qal li wara li ġie mgħoddi l-Bypass in kwistjoni, kien abbanduna l-parti ta' fuq tal-għalqa, ċjoè dik immarkata bl-ittra 'Y' fuq il-pjanta a folio 93. Xehed ukoll li jaf li "Gilardu" beda jaħdem din il-parti ta' fuq madwar ħmistax-il

[63] L-affidavit tiegħu huwa eżebit a folio 136. Dan ix-xhud għandu l-karta tal-identità bin-numru 76458(M).

sena qabel. Il-qorti hawnhekk tifhem li r-riferenza għal Gilardu hija għal Gerald Gatt, li xehed ukoll f'dawn il-proċeduri. Minkejja li saru bosta tentattivi biex jiġi nġunt, il-kontro-eżami ta' dan ix-xhud baqa' ma sarx.

39. Il-qorti tinnota li ż-żewġ xhieda prodotti mill-atturi li jisimhom Carmel Borg isemmu li l-art kienet tinħadem minn ċertu Charlie miż-Żejtun, miżżewweġ lit-tifla ta' Helen Sammut. Madanakollu il-persuna prodotta biex tixhed li kienet miżżewwġa lil bint Helen Sammut jismu Michael Mifsud, li fil-fatt xehed li kien ħadem l-għalqa għal 35 sena qabel sar il-bypass. Il-qorti jidhrilha li x-xiehda ta' Mifsud tikkontradixxi x-xiehda mogħtija minn Borg bl-affidavit li jinsab a folio 136, li xehed li qabel għadda l-bypass kienu hu – bil-permess tal-Professur Ganado – li kien qed jokkupa l-għalqa. Dan l-istess Mifsud, imbagħad, ma setax jikkonferma min kienu s-sidien tal-proprjetà in kwistjoni, u lanqas seta' jikkonferma kinitx titħallas xi qbiela fuq din l-art.

40. L-irċevuti tal-kera li ġew eżebiti mill-atturi jidher li ġew provduti lilhom minn Carmelo Borg[64], li min-naħa tiegħu xehed li l-istess kopji ingħatawlu mingħand «*…xi nies nafhom u xi kuġini jiġu minni…*», u ċjoè Charlie Borg li jiġi minnu mill-bogħod u kien kellmu dwarhom George Sammut. Dan Sammut, kif diġà ġie rilevat permezz tal-paragrafi preċedenti ta' din is-sentenza, kien ġie prodott biex jixhed iżda għal xi raġuni t-traskrizzjoni tax-xiehda tiegħu ma ġietx inserita fl-atti. L-atturi però, anki jekk inġibdet l-attenzjoni tagħhom għal dan in-nuqqas, ma nsistewx għax-xiehda tiegħu. U l-istess Charlie Borg, li l-affidavit tiegħu jinsab a folio 136, għalkemm qal li għandu l-oriġinali tal-kotba tal-qbiela mogħtija lilu minn Sammut, baqa' qatt ma ntalab jeżebihom.

41. Kollox ma' kollox din il-qorti xejn ma jidhrilha li l-atturi rnexxielhom iwettqu prova tajba tal-pussess *uti dominus* tagħhom għaż-żmien li trid il-liġi sabiex titwettaq l-użukapjoni. Il-provi ma jirriflettux pussess pubbliku, univoku, mhux interrott, paċifiku u kontinwu u ċertament mhux għaż-żmien ta' tletin sena. Ħadd mill-familja Sammut li ġie prodott biex jixhed ma kkonferma l-ħlas ta' qbiela lill-Professur Ganado, wisq inqas li tali qbiela tħallset għal aktar minn tletin sena. Kull xhud ieħor li kkonferma li kien qed isir dan il-ħlas ma jafx ħlief minn ħaddieħor b'dak li suppost kien qed iseħħ, u

[64] L-affidavit tiegħu qiegħed a folio 126 tal-atti, u dan ix-xhud għandu l-karta tal-identità bin-numru 585956(M).

għalhekk dik ix-xiehda tista' biss titqies *detto del detto* li mhux suffiċċjenti sabiex jiġi ippruvat il-fatt. Hemm ukoll nuqqas ta' kjarezza dwar min kien qed jokkupa din l-art sal-mument li ġie mgħoddi l-bypass – Carmel sive Charles Borg jgħid li kien hu li qed jokkupaha, mentri Michael Mifsud jgħid li kienet f'idejh. F'kull każ, iż-żewġ xhieda jaqblu li l-okkupazzjoni tagħhom żgur li ntemmet hekk kif ġie mgħoddi dan il-bypass, u għalhekk f'kull każ ħadd minn dawn iż-żewġ persuni ma jidher li żamm l-art f'isem l-atturi għal żmien biżżejjed sabiex isseħħ l-użukapjoni. Borg jgħid li hu ħa l-art f'idejh wara li ħallas lil Sammut l-aħħar kera fis-sena 1990, u ftit snin wara għaddew il-bypass[65]. Dan ifisser li l-bypass, skont dan ix-xhud, għadda bejn wieħed u ieħor lejn nofs is-snin disgħin. Anki kieku wieħed kellu jqis li l-awtur tal-atturi kien qed jirċievi l-kera għall-art skont l-irċevuti eżebiti (fatt li ma ġiex ippruvat kif imiss kif rilevat aktar qabel), jirriżulta li l-ewwel riċevuta tirreferi għas-sena 1975, u għalhekk xorta waħda l-pussess għaż-żmien ta' tletin sena ma ġiex ippruvat mill-atturi.

42. Il-fatt tal-esproprjazzjoni, għalkemm jirriżulta u huwa saħansitra notorju, huwa però newtrali fil-kawża, billi ħadd mill-kontendenti ma ġie b'xi mod rikonoxxut mill-awtoritajiet bħala s-sid tal-proprjetà in kwistjoni.

43. La darba għalhekk l-atturi ma rnexxielhomx juru li għandhom titolu oriġinali fuq il-proprjetà in kwistjoni, isegwi li huma naqsu li jippruvaw id-dritt tagħhom u l-qorti ma għandhiex għalfejn tinoltra ruħha f'eżami tat-titolu eċċepit mill-konvenuti.

44. Għal dawn ir-raġunijiet kollha, il-qorti qiegħda tiddisponi minn din il-kawża billi tiċħad it-talbiet tal-atturi, bl-ispejjeż kontra tagħhom.

Onor. Mark Simiana, LL.D
Imħallef

Lydia Ellul
Deputat Reġistratur

---

[65] Ara folio 136.